

Informazzjoni dwar is-segwitu tal-ilment irreġistrat bir-referenza CHAP(2015)1071 – Aġġornament ta’ Settembru 2021

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd sostanzjali ta’ lmenti dwar l-inkompatibbiltà possibbli tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-maġistrati onorarji fl-Italja ma’ diversi dispożizzjonijiet tad-liġi tax-xogħol tal-UE.

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti taħt in-numru ta’ referenza CHAP (2015)1071.

Wara valutazzjoni bir-reqqa, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li kien hemm raġunijiet biex jinfetħu proċedimenti ta’ ksur kontra l-Italja. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-leġislażzjoni Taljana tonqos milli tikkonforma ma’ bosta dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE dwar ix-xogħol għal żmien fiss; il-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 97/81/KE dwar ix-xogħol part-time; id-Direttiva 2003/88/KE dwar il-ħin tax-xogħol, u d-Direttiva 92/85/KEE dwar il-ħaddiema nisa tqal. Bosta kategoriji ta’ maġistrati onorarji, jiġifieri kummissarji tal-ġustizzja onorarji tal-paċi (giudice onorario di pace), viċi prosekuturi onorarji (VPO) u mħallfin onorarji (GOT), ma jibbenefikawx minn status ta’ “ħaddiem” skont il-liġi nazzjonali Taljana, iżda jitqiesu bħala voluntiera li jipprovdu servizzi fuq bażi “onorarja”.

Minħabba dan in-nuqqas ta’ status ta’ ħaddiem, ma jibbenefikawx mill-protezzjoni tal-liġi tax-xogħol tal-UE. Dawn jinkludu n-nuqqas ta’ benefiċċji fil-każ ta’ mard, aċċidenti u tqala, l-obbligu li jirreġistraw mal-fond tal-Istitut Nazzjonali tal-Welfare Soċjali għal ħaddiema għal rashom, differenzi fil-paga u fil-modalitajiet tal-paga, diskriminazzjoni fit-taxxa, ebda rimborż tal-ispejjeż legali mġarrba waqt proċedimenti dixxiplinari u n-nuqqas ta’ liv tal-maternità mħallas. Hija l-fehma tal-Kummissjoni li lanqas ma huma protetti biżżejjed kontra l-abbuż ta’ kuntratti għal terminu fiss suċċessivi, u li ma għandhomx il-possibbiltà li jiksibu kumpens xieraq għal tali abbuż. Barra minn hekk, l-informazzjoni disponibbli tindika li l-Italja ma waqqfitx sistema biex tkejjel il-ħin tax-xogħol ta’ kuljum ta’ kull maġistrat onorarju. L-Italja adottat leġislażzjoni għal fl-2017 li ma solvietx dan it-tħassib.

Abbażi ta’ dan ta’ hawn fuq, u kif ikkonfermat reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-kawża C-658/18 UX¹, li dawn il-maġistrati onorarji għandu jkollhom status ta’ ħaddiem, fil-15 ta’ Lulju 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ proċedura ta’ ksur kontra l-Italja għan-nuqqas ta’ konformità mal-liġi tax-xogħol tal-UE. L-Italja se jkollha xahrejn biex twieġeb l-ittra ta’ intimazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni u biex tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tikkonforma mal-liġi tal-UE, inkella, il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi li tibgħat opinjoni motivata u fl-aħħar mill-aħħar tressaq lill-Italja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni se żżomm lill-ilmentaturi infurmati fuq is-segwitu li jsir għall-ilmenti tagħhom permezz ta’ dan is-sit web.

¹ CJEU, C-658/18, *UX v Governo della Repubblica italiana*, ECLI:EU:C:2020:572.